SAN GILJAN

**KUNSILL LOKALI SAN ĠILJAN**
**Triq Forrest, San Ġiljan, STJ 2033**
Tel: 21373111  Fax: 21373444
email: sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 24/K6/09

**Nru tal-laqgħa minn 07/04/'94 – 26/11/'09 253**

**Nru ta' seduti minn 07/04/'94 – 26/11/'09 307**

**1. Introduzzjoni**

1.01 Minuti tal-Laqgħa li saret nhar il-Ħamis 26 ta' Novembru 2009.

1.02 Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv, Triq Forrest, San Ġiljan, fil-5.30 p.m.

1.03 Preżenti: Sitt membri tal-Kunsill, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker u l-iskrivana Marisa Micallef.

1.04 Assenti: Il-Kunsillier Karl Gouder.

1.05 Kien hemm preżenti l-Perit Stephen Farrugia, MP&DC

1.06 Preżenza tal-Pubbliku:- (0).

1.07 Is-Sindku Peter Bonello ppresieda l-laqgħa.

**1.1 Talba**

1.1.01 Inqrat it-Talba.

**1.2. Aġenda**

1.2.01 Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat fl-20 ta' Novembru 2009. L-Aġenda kienet hekk:-

1. Approvazzjoni ta' Minuti
2. Korrispondenza
3. Proġett – tagħrif għall-pubbliku

4. Attivita’ tal-Milied
5. Karnival
6. Approvazzjoni għall-Pagamenti tal-kontijiet
7. Approvazzjoni ta’ Purchase Request Sheets

**1.3 Approvazzjoni ta’ Minuti**

1.3.01 Iċ-Chairman Peter Bonello ressaq il-Minuti 23/K6/09 għall-approvazzjoni.

1.3.02 Il-Kunsilliera Irene Borg ipproponiet l-approvazzjoni tal-Minuti 23/K6/09.

1.3.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondaha.

1.3.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.3.05 Iċ-Chairman talab sospensjoni tar-regolamenti sabiex il-Kunsill jingħata tagħrif mill-Perit Stephen Farrugia dwar kostruzzjoni fi Triq ir-Rampa San Giljan.

1.3.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.4.01 Qabel bdiet l-ispjegazzjoni l-Perit Stephen Farrugia ddikjara li dak li kien ser jispjega kien ser jagħmlu fil-kapaċita tiegħu bħala konsulent maħtur minn klijent u l-perit tiegħu u mhux bħala l-perit tal-Kunsill.

1.4.02 Il-Perit Farrugia ppreżenta pjanta ta’ proġett privat ta’ kostruzzjoni flimkien ma’ proposta ta’ traffic management għal Triq ir-Rampa San Giljan (Ara Appendici ‘A’). Il-Perit spjega kif waħda mill-kundizzjonijiet tal-MEPA għal dan l-iżvilupp hi li jsir traffic management ta’ l-area, għas-spejjeż tas-sid, iżda dan għandu jigi approvat mill-Kunsill. Il-Perit spjega wkoll li s-sid diġa ħallas lill-MEPA €41,000 għas-CPPA (Commuted Payment Parking Scheme).

1.4.03 Wara diskussjoni ġie ssuġġerit li:-

- waħda mill-kundizzjonijiet tkun li ssir applikazzjoni lill-ADT min-naħa tal-klijent sabiex Triq ir-Rampa San Ġiljan issir a*ċċessibbli għar-residenti biss.*

- tingħata kopja ta' l-applikazzjoni li saret lill-MEPA u l-kundizzjonijiet tal-MEPA lill-Kunsillier Edgar Montanaro.
- issir laqgħa għar-residenti ta' Triq ir-Rampa San Ġiljan biex jigu nnotifikati dwar it-traffic management kif qed jigi propost.

1.4.04 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ppropona li l-Kunsill jiddeċiedi fuq dan il-progett wara li ssir il-laqgħa mar-residenti.

1.4.05 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

1.4.06 Il-Kunsill qabel unanimament.

1.4.07 Il-Perit Stephen Farrugia ġie skużat fis-6:15p.m.

## 2 Korrispondenza

2.01 Fuq il-mejda tal-konferenza tqegħdet il-korrispondenza li nqrat miċ-Chairman. Dawn huma:-

| Rif. Nru | Korrispondenza |
|---|---|
| 5118 | Ittra mingħand il-Kappillan Fr. Claude Portelli rigward armar ta' kiosks/stands fil-gimgħa tal-Festa ta' San Ġiljan. |
| 5142&K1230 | Ittra mingħand il-MEPA rigward Wirja dwar il-gallariji ta' l-injam u l-iskema tal-MEPA ta' għotjiet ta' flus għar-restawr tagħhom. |
| 5293 | E-mail mingħand il-Youth Section rigward Kunsilli Lokali Żgħażagħ. |
| 5329 | E-mail mingħand is-Sur David Arrigo rigward rimburzar għal ħsarat li saru fid-drenaġġ fir-residenza numru 3, Triq il-Karmnu San Ġiljan. |
| 5333 | E-mail mingħand Kunsilli Lokali 2015 rigward Budget 2010 – Kunsilli Lokali. |
| 5342 | E-mail mingħand il-Myoka Ltd rigward xogħol ta' tisbiħ li ser jagħmlu taħt *Ville f'Le Meridien St Julian's* fi Triq il-Kbira. |
| 5394 | Ittra mingħand il-BMX rigward talba għas-servizz ta' żewġ Gwardjani Lokali. |

5409 Ittra mingħand il-MEPA rigward *Collection of municipal waste by RCV's*.

5543 E-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward Kuntratti dwar ġbir ta' skart imħallat.

5575 E-mail mingħand l-HSBC sabiex tigi rranġata l-bankina fi Triq il-Qaliet, biex tkun aċċessibli għal persuni b'diżabilita'.

5319&K1151 Ittra u e-mail mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward
5441 Ħaddiema Klerikali u ittra li ntbagħtet fuq l-istess suġġett.

5597 Memo 76/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Ħaddiema ta' l-IPSL.

5619 Invoice mingħand il-MITA dwar e-mail accounts.

**Fost l-ittri li nqraw ġew diskussi:-**

Rif. Nru. 5118

2.02 B' riferenza ghall-ittra mingħand il-Kappillan Fr. Claude Portelli rigward armar ta' kiosks/stands fil-ġimgha tal-Festa ta' San Ġiljan, ġie deċiż unanimament li ssir laqgħa mal-Kappillan Fr. Claude Portelli, flimkien mar-rappreżentanti ta' kull għaqda wara l-festi tal-Milied.

Rif. Nru. 5293

2.03 B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Youth Section rigward Kunsilli Lokali Żgħażagħ, iċ-Chairman informa lill-Kunsill illi taqsmu l-flyers tal-applikazzjonijiet iżda ħadd ma' applika. Ġie deċiz li l-Kunsillier Richard Scicluna jieħu ħsieb jara jekk hemmx xi żgħażagħ interessati.

Rif. Nru. 5319 / 5441

2.04 B'riferenza għall-approvazzjoni mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-ħaddiema klerikali l-Kunsill ġie nfurmat illi Ms Josianne Magri ġiet impjegata fuq bazi full time, minimum scale 15 b'increments sal-massimu filwaqt li għaddejjin il-proceduri biex Ms Connie Said tigi mpjegata fuq bazi part time. Peress li Connie Said diġa għandha esperjenza ser tingħata l-massimu ta' scale 15.

Rif. Nru. 5329

2.05 B'riferenza għall-e-mail mingħand is-Sur David Arrigo rigward rimbursar għal ħsarat li saru fid-drenaġġ tar-residenza numru 3, fi Triq il-Karmnu, San Ġiljan, ġie deċiż unanimament li jintalbu l-irċevuti ta' l-ispejjeż u wara jsir il-pagament. Il-Kunsillier Edgar Montanaro għandu jiggwida lill-Kunsill qabel isir il-pagament.

Rif. Nru. 5342

2.06 B'riferenza għall-e-mail mingħand il-Myoka Ltd rigward xogħol ta' tisbiħ li għandhom il-ħsieb li jagħmlu taħt *Ville f'Le Meridien St Julian's* fi Triq il-Kbira, ġie deċiż unanimament li:-

- jiġu nfurmati li jidher li l-barriers diġa tneħħew
- jekk ser issir it-tinda u l-*planters* jridu jsiru l-applikazzjonijiet meħtieġa lill-Awtoritajiet ikkonċernati. Wara ssir l-applikazzjoni għand il-Kunsill sabiex jinħareġ il-permess.

Rif. Nru. 5409

2.07 B'riferenza għall-ittra mingħand il-MEPA rigward *Collection of municipal waste by RCV's*, ġie deċiż li l-kuntrattur preżenti tal-ġbir ta' l-iskart, jintalab li jpprovdi kopja tal-polza ta' l-assigurazzjoni tat-trakkijiet li qed jintużaw fil-lokalita'.

Rif. Nru. 5575

2.08 B'riferenza għall-e-mail mingħand l-HSBC sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Qaliet, biex tkun aċċessibli għal persuni b'diżabilita', ġie deċiż unanimament li l-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni.

Rif. Nru. 5597

2.09 B'riferenza għall-Memo 76/2009 mingħand id-Dipartiment għall-Gvern Lokali rigward il-Ħaddiema ta' l-IPSL ġie deċiż li kopja ta' din l-ittra tingħata lill-ħaddiema.

Rif. Nru. 5619

2.10 Saret riferenza għall-fattura mingħand il-MITA u l-Kunsill ġie nfurmat illi b'direttiva mill-OPM infethu e-mail accounts għall-kunsilliera kollha.

**3 Proġett – tagħrif għall-pubbliku**

3.01 Iċ-Chairman ippropona li l-Kunsill jimbarka fuq żewġ proġetti, wieħed minnhom huwa li fil-lokalita' jitwaħħlu numru ta' monitors bi skop li dawn jintużaw biex il-pubbliku jkun infurmat fuq bażi ta' 24 x 7 b'kull tagħrif u attivitajiet tal-Kunsill. Il-Proġett l-ieħor huwa li 'l quddiem, il-laqgħat tal-Kunsill ikunu trasmessi *permezz ta' video conferencing.* B'hekk il-pubbliku, kemm mill-kumdita' ta' darhom, kif ukoll minn kull fejn hemm aċċess għall-internet, ikunu jistgħu jiffolowjaw il-laqgħat tal-Kunsill.

3.02 Wieħed mill-vantaġġi tal-video conferencing huwa li, meta darba fis-sena ssir il-laqgħa tal-lokalita', l-pubbliku jkollu l-opportunita' sabiex ikun jista jipparteċipa kemm mill-kumdita ta' darhom kif ukoll minn postijiet oħra fejn hemm servizz ta' internet.

3.03 Dawn iż-żewġ proġetti qed jigu ssuġġeriti biex :-

- Il-Pubbliku jkollu l-mezzi ta' tagħrif 24 x 7,
- Il-Pubbliku jkollu aktar ċans jipparteċipa fl-attivitajiet tal-Kunsill.

3.04 Il-Kunsillier Richard Scicluna ssekondah.

3.05 Il-Kunsill qabel unanimament.

3.06 Ġie deċiż li l-Kunsill jitlob gwida tal-MEUSAC biex jara jekk, jeżistux fondi mill-Unjoni Ewropea li l-Kunsill jista' jibbenefika minnhom biex jsiru dawn il-proġetti.

**4 Attivita' tal-Milied**

4.01 Ġie deċiż unanimament illi:-

4.02 Bħala rikonoxximent għall-ħidma tal-kunsill ser issir ikla għall-kunsilliera u l-impjegati kollha tal-Kunsill flimkien mal-partners tagħhom. Mistiedna ukoll is-Sur Victor Cachia, Ms Connie Said u Ms Roberta Sammut flimkien mal-partners tagħhom. Din l-attivita' ser issir is-Sibt 9 ta' Jannar 2010 fil-Lukanda Le Meridian.

4.03 Għal sena oħra konsekuttiva ser isiru żewġ kunċerti b'kollaborazzjoni mal-Kunsill. Wieħed ser isir mil-Banda San Ġiljan immexxi minn Mro. Manuel Pirotta, fis-17 ta' Diċembru 2009 fil-Parroċċa San Ġiljan, wara l-quddies ta' filgħaxija, filwaqt li ser isir programm mużikali ieħor immexxi minn Mro. Marie Therese Vassallo fit-19 ta' Diċembru 2009 fil-knisja tal-Karmnu fis-7.15 p.m.. Għal dawn iż-żewġ kunċerti ser jitħallas l-ammont ta' € 233 għal kull kunċert bħala parti mill-ispejjeż.

4.04 Għal sena oħra konsekuttiva l-impjegati tal-Kunsill inkluz is-Sur Victor Cachia u Ms Connie Said jattendu għall-attivita' Kunsilly għas-spejjez tal-Kunsill.

4.05 Il-ħarga ta' l-anzjani ser issir nhar it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2009.

4.06 Għal sena oħra konsekuttiva l-kuntratturi, kunsilliera u l-impjegati ser jingħataw hamper zgħir.

4.07 Għal sena oħra konsekuttiva minflok jintbagħtu kartolini tal-Milied ser tingħata donazzjoni ta' € 233 lill-MUSEUM San Ġiljan.

4.08 Ser tingħata donazzjoni ta' €350 lill-Community Chest Fund waqt l-attivita' Istrina u € 233 lid-Dar tal-Providenza.

**5 Karnival**

5.01 Saret riferenza għal Inc. 5533/09, 5129/09, 5503/09 u K1256/240/09, b'konnessjoni mal-Karnival 2010. Wara diskussjoni ġie deċiż unanimament li għal sena oħra konsekuttiva l-karnival isir is-Sibt 13 ta' Frar 2010 fil-Pjazza tal-Balluta. Ser jigi allokat l-ammont globali ta' €1300.00 għal din l-attivita' u li jingħata 'refreshments' lill-banda barranija.

5.02 Ġie deċiż unanimament li jintalbu l-ispecifications lill-Perit Stephen Farrugia u jinġabru l-kwotazzjonijiet biex fejn hemm it-taraġ tal-funtana fil-Pjazza tal-Balluta ssir *platform* li jiżżarma biex dan jintuża waqt l-attivitajiet.

**6 Approvazzjoni għall-pagamenti tal-kontijiet**

6.01 Iċ-Chairman ressaq il-pagamenti għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'B').

6.02 Il-Kunsillier Ronald Agius ppropona l-approvazzjoni tal-pagamenti.

6.03 Il-Kunsillier Norman Vella ssekondah.

6.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

**7 Approvazzjoni ta' Purchase Request Sheets**

7.01 Iċ-Chairman ressaq il-Purchase Request Sheets minn Nru. 2749 sa 2778 għall-approvazzjoni (Ara Appendiċi 'C').

7.02 Il-Kunsillier Edgar Montanaro ippropona l-approvazzjoni tal-Purchase Request Sheets minn Nru. 2749 sa 2778.

7.03 Il-Kunsillier Ronald Agius issekondah.

7.04 Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 Saret sospensjoni tar-regolamenti sabiex jigu diskussi materji oħra.

7.06 Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.07 l-Kunsillier Edgar Montanaro ġie skużat fis-7:30p.m.

**8 Materji Oħra**

8.01 Ġie deċiż unanimament li:-

- Ms Roberta Sammut tingħata il-full performance bonus għall-perjodu minn April '09 sat-30 ta' Settembru '09 (Ara Appendici 'D').
- Tiġi aċċettata l-kwotazzjoni tal-Intercomp għal server peress li t-tagħmir li kwota huwa server propja (Ara Appendici 'E').
- Tigi aċċettata l-kwotazzjoni ta' Logic Pass għat-thin clients (Ara Appendici 'F').
- Tiġi rranġata l-bankina fi Sqaq is-Siġra fuq iż-żewġ naħat.
- Jiġi ordnat lamp post ieħor għal Ġnien Dun Anton Sciberras minħabba li dan ġie vvandalizżat.

8.02 Il-Kunsill ġie nfurmat illi nxtraw tlett monitors wieħed minnhom ser jibdel dak li m'għadux jaħdem u ser jinxtraw monitors oħra u tagħmir ieħor li hemm bżonn biex l-impjegati jkollhom biex jaħdmu.

8.03 l-Kunsill ġie nfurmat illi għal sena oħra konsekuttiva l-Għaqda tat-Trobbija ta' l-Għasafar b'kollaborazzjoni mal-Kunsill tellgħet wirja ta' l-għasafar nhar is-Sibt 21 u l-Ħadd 22 ta' Novembru 2009. Din kienet ta' suċċess (Ara Appendiċi 'G')

8.04 Ġie deċiż unanimament li l-Perit Stephen Farrugia jingħata struzzjoni sabiex isir rapport inkluż stima ta' diversi toroq fil-lokalita', fosthom dawn imniżżla hawn taħt. Dan ir-rapport wara ser jintbaghat lill-Onor. Chris Said.

| | |
|---|---|
| Triq Abbe De Vertot | Triq Carlo Zabbarella |
| Wesgha Agostino Savelli | Triq Luigi Apap |
| Triq Bertha K Ilg | Triq Carbone |
| Triq George Badger | Triq ġdida fi Triq San Mark |
| Triq Jean Houel | Triq il-Baltiku |
| Triq William H. Preskott | Triq il-Klarissi |
| Triq Diodorus Siculus | Triq Wied Għomor |
| Triq Hans Stumme | Il-parti tisfel ta' Triq Sacred Heart |
| Triq William Hardman | Triq il-Bajja |
| Triq Patrick Brydone | Trejqet il-Bajja |
| Triq Clare Engel il-parti ta' barra | Triq Lapsi l-parti ta' fuq |
| Triq Spinola | Parti mit-Triq Wilġa |
| Parti minn Triq il-Mensija | Il-parti tisfel tal-bajja ta' San Ġorġ |

| | |
|---|---|
| Ix-Xatt ta' Spinola | Triq Arċisqof Romero |
| Sqaq is-Siġra | Michelangelo Caggiano |
| Triq Santu Wistin | |

8.05 Iċ-Chairman informa lill-Kunsill li l-Perit mhux ser jitħallas biex jagħmel dan ir-rapport.

8.06 B'riferenza għall-minuti 23/K6/09 taqsima 9 para.9.04 dwar Un/loading fi Triq San Ġorġ faċċata ta' C&M Ironmongery, il-Kunsill ġie nfurmat li m'għandux l-approvazzjoni ta' l-ADT iżda hemm approvazzjoni biex issir tabella "30 minutes parking Mon – Sat, 8:00a.m. – 7:00p.m.. No. Return Within 30 minutes in Triq San Ġorġ convenient to the Melita Pharmacy ( Ara Appendici 'H').

8.07 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir transfer ta' €100,000 mill-BOV għall-HSBC.

8.08 Il-Kunsill ġie nfurmat illi Triq Ġorġ Borg Olivier saret residential parking.

8.09 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Banif Bank ser jisponsorja monument li ser isir biex jigi kkomemorat il-ħmistax il-sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali.

8.10 Ġie deċiz unanimament li jsiru computer courses b' kollaborazzjoni mat-TCTC u li dawn isiru fil-Kunsill Lokali Sliema. Il-Kunsill ser jisponsorja dan il-kors billi titħallas is-somma ta' €550 u l-kors flok isiru għal 100 persuna isiru għal 50. Il-Kunsill ser jipprovdi t-trasport.

8.11 Ġie deċiż unanimament li l-Kunsill jisponsorja lis-Segretarju Ezekuttiv bl-ammont ta' € 582 sabiex tattendi kors ta' City & Guilds fl-amministrazzjoni bil-kundizzjoni li tintrabat għal tlett snin u jekk tigi biex titlaq qabel minn rajha tħallas id-differenza.

8.12 Ġie deċiż unanimament li l-fattura ta' l-ALM Enterprises, Nru 7349, għall-ammont ta' € 263.87 għall-attivita' Self Funding li organizzat l-Kunsilliera Irene Borg tithallas mill-Kunsill.

8.13 Il-Kunsillier Ronald Agius ġibed l-attenzjoni li hu u żewġ persuni oħra ser joffru servizz komunitali lin-nies li jħossuhom weħedhom. Għalhekk talab lill-Kunsill biex jgħin biex jitkompla jingħata dan is-servizz billi jsiru fotokopji ta' 'flyers' biex jitqassmu.

8.14 Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni

8.15 Il-Kunsilliera Irene Borg infurmat lill-Kunsill ser issir 'self funding activity' għaċ-ċirklu d-data tingħata aktar tard.

8.16 Iċ-Chairman Peter Bonello għalaq il-laqgħa fit-8:30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Peter Bonello** | **Helen Walker** |
| **Sindku** | **Segretarju Esekuttiv** |